**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

## Laqgħa Numru 74

**15 ta' Frar 2024**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Karl Cutajar – Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit Bonello – Kunsillier
Francis Pullicino - Kunsillier
Jimmy JM Calleja – Kunsillier
Nancy Aquilina – Kunsillier
Rita Borg - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Antoine Attard - Kunsillier
Owen Patrick Attard – Kunsillier
Luke Vella - Kunsillier
Deborah Mifsud - Kunsillier

**ASSENTI**
Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Mandy Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti l-Kunsilliera eletti s-Sindku Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku Karl Cutajar, Marie Claire Zammit Bonello, John Mizzi, Kaylocke Buhagiar, Jimmy JM Calleja, Nancy Aquilina u Francis Pullicino. Il-Kunsillier is-Sa. Rita Borg tidħol fil-laqgħa fis-18:50pm.

**74.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

74.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

74.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rċeviet erba' ittri ta' apoloġiji mingħand il-Kunsillier is-Sa. Deborah Mifsud, is-Sur Antoine Attard, is-Sur Owen Patrick Attard, u s-Sur Luke Vella. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji.

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti**

74.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 73 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija.

74.2.2 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia għar-raġuni għala ma saritx il-laqgħa ta' qabel. Hija tispjegalu li għal xi raġuni ħadd ma rċeva l-email fuq dik il-laqgħa.

74.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja issekondat mill-Viċi Sindku Karl Cutajar, il-minuti tal-laqgħa numru 73 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**74.3 Matters Arising**

74.3.1 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi lis-Segretarju Eżekuttiv is-Sa. Mandy Farrugia biex jikkonferma li nġabret is-somma ta' 2,000 Ewro mill-ħwienet. Ikompli miegħu, il-Viċi Sindku Karl Cutajar iżid li hija kellha tagħti rendikont tan-nefqa tal-Milied. Is-Sa. Farrugia tgħid li nġabbru 2,095 Ewro. Il-Baġit b'kollox kien ta' 10,095 Ewro u l-Kunsill ħallas is-somma ta' 5,127 Ewro għal Attivita ta 1 ta' Diċembru u l-kumplament biex ħalsu d-dawl li l-kont kien ta' iktar minn 20,000 Ewro.

74.3.2 Is-Sa. Marie Claire Zammit Bonello tistaqsi fuq punt 71.6 - hija tistaqsi min kien il-Perit Galea. Is-Sa. Mandy Farrugia tgħidilha li dak kien żball u ser jirranġawh u trid tinbidel għal Bugeja.

74.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Francis Pullicino jistaqsi jekk kienx hemm xi aħbar ġdida rigward il-proġett ta' fejn kien hemm il-GO. Il-Kunsill kellem lill-Avukat fejn hu talab iktar informazzjoni mingħand l-Avukat ta' dawk ikkonċernati għaliex bejn il-kuntratt li ppreżentaw u u dak li spjegaw ma hemmx qbil. Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech tgħid li ħa jimxu skont l-Avukat Sladden.

**74.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

74.4.1 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech saħqet li l-iskips ma tridhomx quddiem id-djar tar-resdienti. Hija għazlet postijiet fejn ma jdejqux lir-residenti. Is-Sa. Mandy Farrugia tispjega li l-lokalitajiet ta' Malta ġew maqsuma bejn żewġ kumpaniji u Birkirkara taqa' taħt Greenpak. Is-Sindku tgħid li lanqas tridhom fejn kienu għaliex kienu ta' problemi għan-nies u fl-istess ħin ma jonqosx il-parking.

74.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet il-punt tal-ATM li hemm mall-Kunsill li mhux iħallsu tal-post. Kien hemm xi Kunsilliera li ma qabblux mall-fatt li ma jħallsux. Is-Sa. Marie Claire Zammit Bonello tfakkar li ħadd ma kien qabel li titneħħa l-ATM minħabba r-residenti. Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jgħaddi s-suġġeriment li għandhom jibgħatu quote ta' sentejn lill-BOV għall-ħlas tal-post tal-ATM.

74.4.3 Is-Sa. Mandy Farrugia tispjega li ġew mitluba biex il-Kunsill jġġin fil-wardens, fil-permessi etc. fil-Ġimgħa l-Kbira. Il-Kunsilliera jaqblu bejniethom li għandhom jagħmlu bħal kull sena fir-rigward tal-permessi.

74.4.4 Is-Sa. Mandy Farrugia tgħid ukoll li kien hemm residenta li qed titlob li tissemma' triq ghal- Harold James Borg Birkirkara, perit, Karkariz.

74.4.5 L-għaqda tal-iscouts jixtiequ jagħmlu meeting ma' xi Kunsillier. Intbagħtet ukoll email fuq dan lill-Kunsilliera. Il-Kunsilliera preżenti jissuġġerixxu li għandu jmur il-Kunsillier relatat mal-ambjent. F'dal-każ hija s-Sa. Deborah Mifsud. F'każ li ma tkunx tista' tmur hi, ser jiġi deċiż li jmur Kunsillier ieħor.

74.4.6 Ftit tas-snin ilu, fit-toroq tal-lokalita' kien hemm installazzjonijiet ta' reklami mal-ħadid. Dawn reġgħu ġew lura. Is-Sa. Mandy Farrugia tistaqsi lill-Kunsilliera preżenti jekk jistgħux jerġgħu isiru. Hija tispjega li l-kuntrattur lest li jħallas skont il-by-laws. Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jistaqsi jekk dawn hux ha jitweħħlu ma' ħadid diġa' eżistenti jew ħadid ġdid. Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar ma jaqbilx ma' dan u jqajjem il-punt li jista' jinqala' xi ħaddieġor u jitlob l-istess. Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jgħid li ma jaqbilx ukoll għax ma jridx li l-bankini jkunu mimlijin u ħadd ma jkun jista' jimxi.

74.4.7 Fit-28 t'April f'12:00pm ser issir l-inawgurazzjoni ta' Birkirkara Football Veterans ħa jiftħu l-premises li tahom il-Kunsill.

74.4.8 Fit-8 ta' Marzu fis-6pm ser issir l-inawgurazzjoni tan-niċeċ.

74.4.9 Fil-10 ta' Mejju il-'Women's Football Team' ser jagħmlu attivita wkoll.

74.4.10 Il-Kunsillier Jimmy JM Calleja jgħid lis-Sa. Mandy Farrugia li ħa jkun hemm mawra s'Għawdex. Id-data qiegħda bejn id-9 jew it-23 ta' Mejju.

74.4.11 Is-Sa. Mandy Farrugia tfakkar f'Premju Mara. In-nomini ser jagħlqu fit-26 ta' Frar. Hija tgħid li kien hemm żewġ nomini. Is-Sindku s-Sa Joanne Debono Grech tħeġġeġ lill-Kunsilliera preżenti li jekk għandhom xi nomina jibgħatuha b'email.

74.4.12 Kien hemm estenzjoni tal-fondi fuq ix-xogħol li għandu jsir fil-letrini. Oriġinarjament dawn kellhom ikunu lesti f'April tal-2024 imma issa l-estenzjoni hija sa' Marzu tal-2025.

74.4.13 Il-Kunsill irċeva email li hemm Sinjur li joqgħod fi Triq John Borg, fejn jixtieq li jidħol fil-Malta Records tal-iktar karti li jintefgħu fil-festa. Huwa qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex inaddaf. Kien hemm xi Kunsilliera li ssuġġerixxew li għandu jmur ikellem lill-Kunsill. Dan ser ikun mistieden imur fil-laqgħa tal-Kunsill biex jitkellem fuq hekk.

74.4.14 Is-Sa. Mandy Farrugia tħabbar li ħarġu erba' skemi ġodda;

- SPI/SCI/01/2024 Espressjoni tal-interess servizz ta' xogħlijiet għall-iżvilupp ta' community garden fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Din tagħlaq fid-29 ta' Marzu. Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jistaqsi jistawx jiddiskutuha iktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss minħabba li baqa' ż-żmien għaliha.
- SPI/SCI/02/2024 Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi li tagħlaq fid-9 t'April.
- SPI/SCI/03/2024 Inizjattiva finanzjarja lokalitajiet iktar nodfa.
- SPI/SCI/04/2024 Fondi ta' manutenzjoni u sostenn ta' progetti infrastrutturali u maġġuri li ġew imwetqa mill-Gvern Lokali. Din l-iskema titratta kull proġett li kien jkun għamel il-Gvern u ssir il-manutenzjoni tiegħu.
- SPI/SCI/05/2024 Skema ghall-Attivitajiet Kulturali annwali u nazzjonali 2024/2025 li tagħlaq fis-26 ta' Marzu.

Jinħoloq qbil li ser ikunu qed jiffukaw l-iktar fuq dawk l-iskemi li jagħqlu f'Marzu.

74.4.15 Is-Sa. Mandy Farrugia tispjega li kellhom jaslu l-vannijiet fl-aħħar ta' Jannar u issa ser jaslu għall-aħħar ta' Marzu. Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech tistaqsi jekk dawn tħallsux kollha, iżda s-Sa. Mandy Farrugia tispjega li qas għadhom ħalsu xejn minnhom. Hija tispjega

wkoll li ħa tinkera karozza u l-ammont ser ikollu discount. Din ser titħallas mill-Kunsill u mill-kumpanija kkonċernata. Is-Sa. Mandy Farrugia tispjega wkoll li t-tender ma kellux data fissa ta' meta għandu jasal il-vann. Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jispjega li din kienet wegħda elettorali u issa wasal iż-żmien li tispiċċa din il-leġislatura u għadha ma twetqitx. Huwa jgħid li l-vann kien imwiegħed electric wkoll u ma jaqbilx li lokalita kbira daqs Birkirkara ser tinqeda b'karozza. Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar iqajjem diversi punti fuq dan is-servizz. Is-Sa. Mandy Farrugia tistaqsi jekk hux worth it li biex jinqdew sakemm jaslu l-vannijiet, iħallsu għal vann electric minħabba l-ispejjeż. Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech, flimkien mal-kunsilliera preżenti jaqblu li dak tal-kiri m'għandux ikun electric.

**74.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

74.5.1 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi fuq is-saqaf tas-subway fejn dan qed jaqa' u anka qed tidher ix-xibka. Miegħu taqbel il-Kunsilliera Rita Borg.

74.5.2 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jitkellem fuq Valley Road u jistaqsi fuq update fuq is-siġar. Is-Sa. Mandy Farrugia tgħid li kellimhom il-kuntrattur, u qalilhom li jistgħu jibdew ix-xogħol. Il-Kunsilliera Marie Claire Zammit Bonello tikkummenta wkoll li għandu jsir komunikat mar-residenti fejn ħa jispjegaw li sar komunikat mal-Birdlife, iżda kien hemm xi kunsilliera li ma qablux ma dan. Is-Sindku taqbel iżda li r-residenti għandhom ikunu avżati li ħa jibda x-xogħol fit-triq.

74.5.3 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jgħid li ra li l-Kunsill għamel Xl kuntratt mal-cleansing authority. Iżda s-Sa. Mandy Farrugia tgħidlu li għadhom iġebbdu xahar xahar. Il-Kunsill għadu jħallas l-istess affarijiet. Il-Kunsilliera kkummentaw li dan l-aħħar ix-xogħol qed isir sew.

74.5.4 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jistaqsi fuq Main Street u jekk hemmx xi pjan li jitkompla.

74.5.5 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar jikkummenta li twaħħlu sinjali ta'-'Out of Order' fi Ġnien John Borg. Dan iżda twaħħlu bi żball u suppost kellhom jitweżżlu mal-grawnd.

74.5.6 Il-Kunsillier Kaylocke Buhagiar qed jinnota li xi ħadd qed ikaħħal il-bankini. Dan ix-xogħol qed isir mill-Public Works u anka mill-Cleansing. Huwa jistaqsi wkoll kif il-bankini tagħhom qed isiru tal-konkos meta ta' lokalitajiet oħra qed isiru biż-żrar etc.

74.5.7 Il-Kunsiliera Marie Claire Zammit Bonello tistaqsi jekk kellmux lil ta' Charles and Ron u s-Sindku tgħidilha li lesta u l-Kunsill ġie mħallas u ħalsu wkoll lill-għaqdiet.

74.5.8 Il-Kunsillera Marie Claire Zammit Bonello tistaqsi fuq Triq San Ġiljan u l-istone storm water culverts - hija bagħtet email fuqha għaliex qed tibża li hemmhekk ħa jegħrqu. Is-Sindku tikkummenta li ħa jgħaddu l-messaġġ li hemmhekk jixtiequ li jkun hemm il-culverts għaliex hemmhekk ir-residenti jegħrqu.

**74.6 Installation of street adverts**

*Dawn ġew diskussi waqt il-Komunikazzjoni tas-Sindku.*

**74.7 Ismijiet tat- toroq**

*Dawn ġew diskussi waqt il-Komunikazzjoni tas-Sindku.*

**74.8 Performance Bonus**

74.8.1 Is-Sindku s-Sa. Joanne Debono Grech tgħid li l-impjegati ħa jitħallsu kollha l-istess.

**74.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 36/8 u Petty Cash 36/8.**

74.9.1 Il-Viċi Sindku Karl Cutajar jistaqsi fuq il-pagament ta' Joe Bugeja minn Settembru sa Diċembru u jistaqsi għaliex qed jiżdied daqshekk. Is-Sa. Mandy Farrugia tgħid li kienu għamlet agreement miegħu - hija tispjegalu li ta' kull bankina li qed jagħmlu, huwa qed ikollu jmur fuq kull waħda. Il-Viċi Sindku jissuġġerixxu li għandhom jieħdu quotations fuq kull bankina għaliex dan qed jitħallas mingħajr tender. Għandu jagħti hourly-rate biex huma jkunu jistgħu jibbażaw.

74.9.2 Il-Kunsilliera Marie-Claire Bonello tistaqsi fuq spiża tat-te u kafe u s-Sa. Mandy Farrugia tispjega li dawk huma li jinxtraw għall-anzjani.

79.9.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda ta' pagamenti 36/8. Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja issekondata mill-Kunsilliera Nancy Aquilina.

74.9.3 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-iskeda Petty Cash 36/8. Dawn ġew approvati b'mod unanimu fuq mozzjoni mill-Kunsillier Kaylocke Buhagiar issekondata mill-Kunsillier John Mizzi.

**74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

74.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.51pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 18 ta' Marzu 2024 fis-6pm.

Konfermati, illum 3 ta' Lulju 2023.

IFFIRMATI
Joanne Debono Grech
Sindku

Mandy Farrugia
Segretarju Eżekuttiv

Jimmy.

Rita.